MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Appell Civili Numru. 163/2006/2

**Bettina Vossberg f'isimha personali kif ukoll f'isem uliedha minuri Maximilian u Alexander aħwa Vossberg**

***versus***

***Equinox International Limited* u Av. Renzo Porsella Flores u P.L. Hilda Ellul Mercer maħtura b'dikriet tat-22 ta' Marzu 2006 bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-interessi ta' Andeas W. Gerdes assenti minn Malta; u**

**b'dikriet tal-4 ta' Mejju 2007 Mireille Pace Ross assumiet l-atti f'isem il-konvenut Andreas W. Gerdes**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenut Andreas W. Gerdes biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tad-9 ta' Novembru 2012, wara li titħassar dik is-sentenza għax il-konvenut igħid illi s-sentenza (i) applikat il-liġi ħażin u (ii) ingħatat fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba (art. 811 para. (*e*) u (*f*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti, safejn huma relevanti għal din is-sentenza tallum, huma dawn: l-attriċi Bettina Vossberg, li hija miżżewġa mal-konvenut Gerdes iżda mifruda minnu, hija kreditriċi tiegħu għall-manteniment tagħha u ta' wliedhom, l-atturi l-oħra. L-attriċi tgħid illi l-konvenut Gerdes għandu biss proprjetà immobbli waħda f'Malta li tista' tagħmel tajjeb għal dan id-dejn, u, biex jevadi l-obbligazzjoni għall-ħlas ta' manteniment, Gerdes għamel *additional settlement in trust* ta' din il-proprjetà favur *Phoenix Trust* – li tagħha s-soċjetà konvenuta *Equinox International Limited* ["*Equinox*"] hija *trustee* u Gerdes stess huwa l-benefiċjarju – u hekk issa ma għandux aktar proprjetà f'Malta li fuqha l-attriċi tista' tesegwixxi l-kreditu tagħha.

3. L-attriċi għalhekk fetħet *actio pauliana* u talbet illi l-ewwel qorti, wara li (i) tgħid illi l-*additional settlement in trust*, li saret b'att tat-28 t'April 2005 fl-atti tan-Nutar Marco Burlò, saret b'qerq għall-interessi tagħha u ta' wliedha, (ii) tħassar l-att tat-28 t'April 2005 biex hekk il-proprjetà tiġi redintegrata fil-patrimonju tal-konvenut Gerdes u (iii) taħtar nutar u kuraturi għall-pubblikazzjoni tal-att relativ. Talbet ukoll (iv) illi l-qorti

tgħid illi l-konvenuti flimkien *in solidum* għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrbet l-attriċi u wlieda, b'dan illi d-danni jiġu likwidati f'kawża oħra.

4. *Equinox* ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, (i) illi ma hemmx l-elementi meħtieġa biex tirnexxi l-*actio pauliana*; (ii) illi t-*trust* inħoloq kif trid il-liġi; u (iii) illi f'kull każ, ukoll jekk kien hemm qerq min-naħa tal-konvenut Gerdes, *Equinox* ma kellha ebda sehem f'dak il-qerq.

5. Gerdes ukoll ressaq l-eċċezzjoni (i) illi l-attriċi ma setgħetx ressqet il-kawża għax hija assenti minn Malta; (ii) illi mhux minnu illi l-attriċi hija kreditriċi tiegħu; (iii) illi, ladarba l-attriċi mhijiex kreditriċi tiegħu, l-azzjoni ma tistax tissejjes fuq l-art. 1144 tal-Kodiċi Ċivili [l-*actio pauliana*]; (iv) illi, ukoll jekk l-attriċi għandha xi kreditu kontrieh, dan jista' jiġi esegwit fuq "bosta" beni oħra li għandu; u (v) illi t-talbiet tal-attriċi huma "ġuridikament insostenibbli u infondati fil-fatt u fid-dritt".

6. L-ewwel qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' Gerdes, laqgħet it-tliet eċċezzjonijiet miġjuba fuq ta' *Equinox* u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "… … … din hija kawża sabiex jigi rexiss … l-att ta' *settlement of additional property in trust* fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlò datat 28 t'April 2005, liema att ġie konkluż bejn il-konvenut Andreas W. Gerdes u s-soċjetà konvenuta l-oħra *Equinox International Limited* b'mod li l-fond *Villa Margherita*, Triq tas-Silġ, limiti ta' Marsaxlokk tiġi reintegrata fil-patrimonju tal-konvenut Andreas W. Gerdes.
>
> "Illi l-attriċi *proprio et nomine* istitwiet din l-azzjoni peress li skond hi l-imsemmi *settlement* sar biex il-konvenut Andreas W. Gerdes jisvesti ruħu mill-uniku assi li kellu hawn Malta sabiex hi ma tkunx tista' tesegwixxi l-krediti u pretensjonijiet li għandha kontra l-istess konvenut.
>
> "<u>Kronoloġija tal-Fatti</u>
>
> "Illi permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Novembru 1995 il-konvenut Andreas W. Gerdes xtara l-fond in kwistjoni.
>
> "Illi sussegwentement il-konvenut iżżewweġ lill-attriċi fl-4 ta' Ottubru 1996.

"Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 22 ta' Awissu 2002, l-attriċi u l-konvenut isseparaw bonarjament fejn fost affarijiet oħra qablu fuq diversi klawsoli li jirrigwardaw il-manteniment tal-attriċi u taż-żewgt itfal tagħhom u spejjeż oħra anċillari.

"Illi permezz ta' skrittura privata datata 28 ta' Frar 2005 ġie kostitwit il-*Phoenix Trust* fejn is-soċjetà konvenuta *Equinox International Limited* ġiet maħtura bħala *original trustee* u Andreas W. Gerdes kien is-*settlor* u l-*beneficiary* tal-istess *trust*.

"Illi permezz ta' kuntratt datat 28 ta' April 2005 il-konvenut għamel *settlement of additional property* fl-imsemmi *Phoenix Trust* fejn allura ġie inkluż il-fond in kwisjtoni.

"Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata 4 ta' Ottubru 2005 il-konvenut, allura imputat, Andreas W. Gerdes ġie misjub ħati fuq akkużi ta' nuqqas ta' somministrazzjoni ta' manteniment skond il-kuntratt ta' separazzjoni u ġie kkundannat iħallas is-somma ta' Lm15,600. Din is-sentenza tinsab fi stadju ta' appell.

"Illi permezz ta' *supplemental trust deed* datat 30 ta' Mejju 2005 it-*trustee*, u *cioè Equinox International Limited*, u s-*settlor*, u *cioè* Andreas W. Gerdes, bidlu t-termini tal-*original trust deed* fis-sens illi t-*trustee* ngħata s-setgħa u ġie awtorizzat li jappunta benefiċjarji addizzjonali fuq uħud jew is-*settlements* kollha.

"… … …

*"<u>Trust</u>*

"Illi dina l-qorti sejra issa tibda biex tanalizza n-natura tal-azzjoni tentata mill-attriċi *proprio et nomine* fil-konfront tat-*trust* in kwistjoni. Illi s-soċjetà konvenuta *Equinox International Limited* eċċepiet illi ma jeżistux l-elementi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-azzjoni *pauliana*. Da parti tiegħu l-konvenut Andreas W. Gerdes jeċċepixxi wkoll illi skond hu l-attriċi mhix kreditriċi tiegħu u għaldaqstant ma tistax tissussisti l-azzjoni odjerna fil-konfront tiegħu.

"<u>Kreditu</u>

"Illi l-attriċi ppreżentat prospett dettaljat ta' skond hi x'inhu s'issa u x'se jkun fil-futur il-kreditu tagħha kontra l-konvenut. Il-bażi ta' dan il-prospett huwa l-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn l-attriċi u l-konvenut u li abbażi tiegħu l-attriċi qiegħda tavvanza l-pretensjonijiet tagħha. Illi fl-imsemmi kuntratt il-konvenut Gerdes kien assuma obbligazzjoni li jissomministra manteniment għaż-żewġt itfal minuri u kif ukoll għall-attriċi, apparti obbligazzjonijiet oħra hemm imsemmija.

"Illi da parti tiegħu l-konvenut jallega illi huwa għamel depożitu taħt l-awtorità ta' din il-qorti ta' xi somom ta' flus rappreżentanti manteniment, liema ċedoli però qatt ma ġew esebiti fil-proċeduri odjerni. Madankollu minn dak li xehdet l-attriċi jirriżulta illi tali depożiti ma jkoprux il-pretensjonijiet attwali kollha tagħha. Irriżulta wkoll mid-deposizzjoni tal-istess konvenut illi tali somom depożitati ma ġewx offerti lill-attriċi qabel dawn ġew depożitati.

"Illi stabbiliti dawn il-fatti l-qorti issa sejra tara jekk abbażi tal-pretensjonijiet attriċi tistax l-istess attriċi tattakka permezz tal-*actio pauliana* is-*settlement* magħmul mill-konvenut.

"<u>*Actio Pauliana*</u>

"… … … din il-qorti hija tal-fehma illi l-attriċi *proprio et nomine* tinkwadra ruħha bħala kreditriċi tal-konvenut Andreas Gerdes.

"<u>Att gratuwitu jew oneruż</u>

"Illi stabbilit dan, il-qorti sejra issa tiddetermina jekk is-*settlement* in kwistjoni kienx wieħed gratuwitu jew oneruż peress li dan jimpinġi fuq l-elementi kostituttivi li jridu jiġu ppruvati biex tirnexxi l-*actio pauliana*.

"Illi skond l-attriċi s-*settlement* kien wieħed gratuwitu mentri skond il-konvenuti dan kien wieħed oneruż. Illi filwaqt li … s-soċjetà konvenuta *Equinox International Limited* sostniet illi huwa perfettament leġittimu illi *trust* tiġi maħluqa mingħajr ebda korrispettiv u li dan il-fatt m'għandux jiġi interpretat sabiex b'xi mod tiġi attribwita *mala fede* da parti tal-istess soċjetà kif implikat l-attriċi, fit-trattazzjoni orali enfasizzat illi l-istess *trust* ma kienx b'titolu gratuwitu.

"Illi għaldaqstant il-qorti sejra tara jekk mill-provi prodotti jirriżultawx l-elementi kostituttivi sabiex tirnexxi l-azzjoni pawljana intentata mill-attriċi. Din l-azzjoni għandha żewġ rekwiżiti essenzjali, u *cioè* l-frodi u d-dannu.

"… … …

"Illi m'hemmx dubju li l-attriċi *proprio et nomine* sofriet dannu fis-sens illi bis-*settlement* in kwistjoni l-konvenut Gerdes spussessa ruħu mill-uniku assi immobbli eżistenti Malta. Dan ikkawżalha preġudizzju fis-sens illi ma setgħetx iktar tesegwixxi l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tal-konvenut fuq proprjetà li hu kellu hawn Malta.

"It-tieni element essenzjali għas-suċċess tal-*actio pauliana* huwa dak tal-*consilium fraudis*. Dan ir-rekwiżit ikun sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jiġu ppreġudikati d-drittijiet tal-kreditur. Mhux rikjesta l-prova tal-*animus nocendi*. … … …

"Min-naħa l-oħra s-soċjetà konvenuta *Equinox International Limited* tinvoka favur it-teżi tagħha l-artikolu 1144(3) tal-Kap. 16 u tgħid li s-*settllement* kien wieħed oneruż u għalhekk l-attriċi trid tipprova li kien hemm qerq min-naħa taż-żewġ konvenuti.

"Issa bħala fatt jirriżulta mill-provi li l-attriċi mhix qed timputa frodi da parti ta' *Equinox* anzi qed teskludiha espliċitament.

"L-attriċi qed tissottometti li s-*settlement* kien wieħed gratuwitu għax il-benefiċjarju tat-*trust* kien l-istess Gerdes u s-*settlement* sar *without consideration*. Tgħid ukoll li l-fatt li t-*trustee* se jitħallas tas-servizzi tiegħu ma jagħmilx il-kuntratt oneruż.

*"Equinox International Limited* tirritjeni li hi ma kintx konsapevoli tal-intenzjonijiet ta' Gerdes u lanqas ma kienet parteċipi f'tali aġir tiegħu.

> Tgħid li *Phoenix Trust* hija forma ta’ *trust* magħmula a benefiċċju tal-istess Gerdes u li fiha Gerdes għandu interess benefiċjali. Hi ssostni li bil-kostituzzjoni tat-*trust*, Gerdes ma rrendiex ruħhu aktar insolvibbli jew anqas solvibbli.
>
> “Illi skond l-artikolu 3(1) tal-Kap. 331 *trust* teżisti meta persuna (imsejha *trustee*) iżżomm bħala sid jew ikollha vestita fiha proprjetà taħt l-obbligu li tinnegozja dik il-proprjetà għall-benefiċċju ta’ persuni (imsejha *benefiċjarji*), kemm jekk ikunu jew ma jkunux għadhom aċċertati jew jeżistu, li ma jkunx biss għall-benefiċċju tat-*trustee*, jew għal għan ta’ karità, jew kemm għal dak il-benefiċċju u dak l-għan imsemmija hawn fuq.
>
> “Illi skond l-artikolu 962 tal-Kodiċi Ċivili meta kull waħda mill-partijiet tintrabat għall-esekuzzjoni ta’ xi obbligazzjoni, il-kuntratt huwa b’titolu oneruż filwaqt li meta waħda mill-partijiet tagħti bla ħlas xi utili lill-oħra, il-kuntratt huwa b’titolu gratuwitu.
>
> “Illi … Dr Louis Degabriele, direttur tas-soċjetà konvenuta, fil-kors tax-xiehda tiegħu stqarr “*This was not a transfer of property. This was a settlement in trust. And a settlement in trust where the beneficiary is the settlor … is clearly a settlement of trust with no consideration clauses*”.
>
> “Illi f’dan il-każ is-soċjetà konvenuta *Equinox* assumiet l-obbligu li żżomm il-proprjetà in kwistjoni a benefiċċju tal-konvenut Gerdes. Dan ittrasferixxa l-fond u assi oħra lit-*trustee* bl-obbligu li jħallasha għas-servizzi li tipprestalu fil-kapaċità tagħha ta’ *trustee* u bħala korrispettiv *Equinox* intrabtet li tieħu ħsieb il-proprjetà mqiegħda fit-*trust* bħala *bonus pater familias* a benefiċċju tal-benefiċjarji. Sa daqshekk ma jidhirx li formalment kien hemm xi ħaġa fit-*trust* li tmur kontra l-liġi.
>
> “Illi l-attriċi qed tassumi li minħabba li sar dana s-*settlement* tal-proprjetà in kwistjoni, allura t-*trust* hija illegali. F’dina l-kawża l-attriċi … ittentat tannulla dana t-*trust* permezz tal-azzjoni *pauliana* iżda fil-fehma tal-qorti ma ġewx pruvati l-elementi kollha rikjesti mill-liġi biex tiġi eżerċitata dina l-azzjoni kontra l-konvenuti. Taħt dina l-azzjoni billi l-att kien wieħed oneruż l-attriċi kellha tipprova li l-konvenuti *Equinox* kienu jafu li l-att li sar kien ta’ ħsara għall-kreditur. L-attriċi setgħet tattakka dan it-*trust* bħala illegali jew *sham* billi tipprova li kollox kien montatura u li l-partijiet ma kellhom ebda intenzjoni li tiġi krejata *trust* … … …”

7. L-attriċi appellat minn din is-sentenza quddiem din il-qorti u talbet it-tħassir tagħha. Gerdes ukoll ressaq appell inċidentali u talab ir-riforma tas-sentenza, iżda, billi t-tweġiba li biha ressaq l-appell inċidentali daħlet wara li għalaq iż-żmien li l-liġi tagħti għalhekk, l-appell inċidentali tiegħu ma ġiex meqjus.

8. B'sentenza tad-9 ta' Novembru 2012 din il-qorti laqgħet l-appell tal-attriċi: irriformat is-sentenza appellata billi ikkonfermata fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' Gerdes u ħassritha fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet ta' *Equinox*; u, minflok, laqgħet l-ewwel tliet talbiet tal-attriċi bla ma qieset ir-raba' talba (dik dwar responsabbilità għal danni), wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet.

> "Illi l-kwistjoni prinċipali ta' din il-kawża hija jekk is-*settlement in trust* li għamel il-konvenut Andreas W. Gerdes ta' *Villa Margherita*, f'tas-Silġ, Marsaxlokk, kienx wieħed gratuwitu jew oneruż għall-fini tat-twettiq tal-*actio pauliana*. L-attriċi Bettina Vossberg hija mart l-imsemmi konvenut waqt li l-fond f'Marsaxlokk huwa proprjetà parafernali tal-istess konvenut. Il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali tat-22 ta' Awissu, 2002. L-attriċi tallega li għandha kreditu kontra żewġha f'arretrati ta' manteniment li għad irid iħallas u danni oħra, li hi qed tirreklama f'kawża li għadha pendenti quddiem il-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja. L-attriċi tallega li bis-*settlement in trust* li għamel żewġha din il-proprjetà immobbli ġiet imneħħija mill-patrimonju tal-istess Andreas W. Gerdes, u peress li, skont hi, dan il-fond huwa l-uniku assi ta' ċertu valur li żewġha jippossjedi f'Malta, hija ġarrbet preġudizzju f'każ li jkollha tesegwixxi l-kreditu li jiġi kanonizzat favur tagħha. Hi, għalhekk, ressqet din l-*actio pauliana* biex is-*settlement in trust* li għamel żewġha jiġi dikjarat li ma jgħoddx fil-konfront tagħha. Jirriżulta li żewġha kien is-*settlor* u l-*beneficiary* tal-istess *trust*.
>
> "Wieħed mill-elementi tal-*actio pauliana* hija l-frodi tad-debitur, l-hekk imsejjah *consilium fraudis*, waqt li l-frodi tat-terz, il-*partecipatio fraudis*, trid tiġi ppruvata biss f'każ li l-att tad-debitur hu wieħed oneruż; jekk l-att hu gratuwitu, il-bona fede jew mala fede mhux rilevanti għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni – ara artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> "L-ewwel qorti, wara li eżaminat il-ġurisprudenza in materja, aċċettat li l-attriċi tinkwadra ruħha bħala kreditriċi tal-konvenut u li, allura, tista' tipproċedi b'din l-azzjoni. Qalet, però, li s-*settlement in trust* kien wieħed oneruż u la darba l-istess attriċi ma kinitx qed timputa *frode* da parti tat-terz (*Equinox International Ltd*), ma tistax tirnexxi bl-azzjoni.
>
> "L-attriċi appellat mis-sentenza u qed tgħid li s-*settlement* li għamel żewġha huwa wieħed kompletament u totalment ta' natura gratuwita.
>
> "Iż-żewġ konvenuti, *Equinox International Ltd*, u Andreas W. Gerdes, jasserixxu l-korrettezza tas-sentenza tal-ewwel qorti u jinsistu li s-*settlement* li qed tipprova timpunja l-attriċi seħħ b'titolu oneruż.
>
> "… … …
>
> "… … … din il-qorti … … … ma taqbilx mal-konklużjoni li ġibdet is-soċjetà fis-sens li "it-tqegħid ta' proprjetà fi *trust* huwa konsidrat bħala att ta' natura oneruża u mhux att gratuwitu".
>
> "Il-ħolqien ta' *trust*, bejn is-*settlor* u t-*trustee*, (f'dan il-każ il-*Phoenix Trust* maħluq fit-28 ta' Frar, 2005) huwa kuntratt oneruż, peress li s-*settlor* jidħol fi ftehim mat-*trustee* kif dan jamministra l-proprjetà li titqiegħed *on trust* u lil min igħaddi l-benefiċċju u kif tal-ewwel, ukoll, jobbliga ruħu li jħallas lit-

*trustee* għas-servizzi prestati. Bis-saħħa tal-*establishment of a trust*, kemm is-*settlor* kif ukoll it-*trustee* jintrabtu sabiex jeżegwixxu xi obbligazzjonijiet.

"Mhux l-istess jista' jingħad, però, għas-*settlement in trust* tal-proprjetà li seħħet ukoll fit-28 ta' April, 2005. Din ġiet mogħtija jew għaddiet lit-*trustee* b'mod gratuwitu, u ma tħallas ebda korrispettiv. L-istess direttur tas-soċjetà *trustee* qal li s-*settlement of trust* sar "*with no consideration clauses*". Il-ftehim bejn is-*settlor* u t-*trustee* huwa ftehim oneruż b'obbligazzjonijiet imposti b'mod reċiproku; però, it-tqegħid tal-proprjetà fi *trust*, biex din tiġi amministrata a bażi tal-ftehim ta' *trust* bejn is-*settlor* u t-*trustee*, sar b'mod gratuwitu. It-tqegħid tal-proprjetà *in trust* iwassal għal trasferiment tat-titolu fuq l-istess proprjetà, u dan isir b'mod gratuwitu.

"… … …

"Bit-tieni kuntratt tat-28 ta' April, 2005, il-konvenut Andreas W. Gerdes, fil-kwalità tiegħu ta' *settlor*, iddispona mill-proprjetà li għandu f'Marsaxlokk, u dan billi ttrasferixxa jew, aħjar, ikkostitwixxa *settlement in trust* tal-istess fond lis-soċjetà konvenuta *Equinox International Ltd*, u dan it-trasferiment sar bla ebda korrispettiv. Huwa l-arranġament dwar l-amministrazzjoni ta' dik il-proprjetà li ħoloq obbligazzjonijiet reċiproċi bejn iż-żewġ konvenuti, iżda t-trasferiment innifsu ossija *settlement* li qed timpunja l-attriċi sar b'mod gratuwitu.

"… … …

"Huwa dak it-trasferiment gratuwitu li l-attriċi qed tattakka b'din il-kawża, u mhux l-*underlying deal*, u dak it-trasferiment, kwindi, hu soġġett għall-azzjoni in meritu mingħajr ħtieġa li tiġi murija mala fede da parti tat-*trustee*.

"L-artikolu 3 tal-Att dwar *Trusts* u *Trustees* (Kap. 331 tal-Liġijiet ta' Malta) igħid li *trust* "teżisti" meta persuna (imsejħa *trustee*) żżomm proprjetà a benefiċċju tal-benefiċċjari, però din it-tifsira ma tispjegax kif jinħoloq *trust* u n-natura tat-trasferiment tal-proprjetà li ssir; kwindi, ebda riliev ma jsita' jittieħed minn din it-tifsira.

"In vista ta' dan, għall-eżerċizzju b'suċċess ta' din l-azzjoni da parti tal-attriċi, il-*partecipatio fraudis* da parti tas-soċjetà *Equinox International Ltd* mhux element tal-azzjoni u mhux meħtieġ li jiġi provat.

"Għar-rigward tal-elementi l-oħra ta' din l-azzjoni, l-ewwel qorti sabet illi l-attriċi tinkwadra ruħha bħala kreditriċi tal-konvenut Andreas W. Gerdes, u li l-istess attriċi sofriet dannu fis-sens illi bis-*settlement* in kwistjoni l-konvenut Gerdes spussessa ruħu mill-uniku assi immobbli eżistenti Malta. Kontra dawn id-*decide* ma tressaq ebda appell validu mill-konvenuti, u kwindi huma deċiżjonijiet li jorbtu lill-partijiet u lil din il-qorti. Dwar id-"dannu", jista' jingħad li l-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li d-debitur jista' jeħles mill-azzjoni billi jeċċepixxi l-benefiċċju tal-eskussjoni, u dan billi, a tenur tal-artikolu 795 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jippreżenta "lista li jkun fiha miġjuba ħaġa b'ħaġa l-beni li jkollha f'Malta l-parti li tagħha tintalab l-eskussjoni, u li jkunu biżżejjed għall-ħlas tal-kreditu tal-attur". Fi kliem ieħor, kien il-konvenut li kellu juri li għandu f'Malta biżżejjed proprjetà biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni attriċi. Dan, il-konvenut ma għamlux; indika li għandu assi l-Ġermanja, però lista ta' assi oħra f'Malta, kif irid l-artikolu 795 imsemmi, ma ressaqx.

"Kwindi jirriżulta li l-attriċi tissodisfa l-kriterji biex tikkwalifika ruħha bħala kreditriċi għall-fini tal-*actio pauliana*, jirriżulta l-*eventus damni* u jirriżulta wkoll il-*consilium fraudis* da parti tad-debitur meta dan iddispona mill-unika

> assi li kellu Malta (u dan anke għax id-debitur/konvenut ma pprovax mod ieħor) u b'hekk wassal għal insolvenza tiegħu bi preġudizzju tal-interessi tal-attriċi.
>
> "Għar-rigward tat-talba għad-danni – *oltre* ir-revoka tal-att ta' *settlement of additional property in trust* – l-attriċi, fl-udjenza tat-3 ta' Lulju, 2012, irrinunzjat għat-talba fil-konfront tas-soċjetà *Equinox International Ltd*, fil-waqt li, fil-konfront tal-konvenut Gerdes, din il-qorti tara li jkun prematur li f'dan l-istadju tiddeċiedi fir-rigward, għax wara kollox hi talba li tipprexxindi mill-meritu ta' din il-kawża immirata għat-tħassir tal-effetti ta' att magħmul bi ħsara tal-pretensjonijiet attriċi."

9. B'rikors tas-6 ta' Frar 2013 il-konvenut Gerdes talab illi l-appell jinstema' mill-ġdid wara li titħassar is-sentenza ta' din il-qorti tad-9 ta' Novembru 2012 għax igħid illi dik is-sentenza applikat il-liġi ħażina u tat deċiżjoni fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba (art. 811(*e*) u (*f*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

10. L-attriċi wieġbet fl-4 ta' Marzu 2013 u fissret għala, fil-fehma tagħha, it-talba ta' Gerdes għandha tiġi miċħuda waqt illi *Equinox*, li wkoll wieġbet fl-4 ta' Marzu 2013, fissret għala taqbel mat-talba ta' Gerdes.

11. L-ewwel raġuni mressqa minn Gerdes għat-tħassir tas-sentenza – dik taħt l-art. 811(*e*) – hija illi saret "applikazzjoni ħażina tal-liġi tal-proċedura meta l-Qorti tal-Appell iddeċidiet definittivament il-meritu kollu tal-kawża liema meritu u eċċezzjonijiet dwaru ma kinux għadhom ġew deċiżi mill-qorti tal-ewwel istanza". It-tieni raġuni – dik taħt l-art. 811(*f*) – tgħid essenzjalment l-istess ħaġa: illi "l-Qorti tal-Appell marret *oltre* r-reviżjoni ta' sentenza tal-prim'istanza meta qatgħet hi eċċezzjonijiet li ma kinux għadhom ġew kunsidrati mill-ewwel qorti".

12. Ir-rikors ikompli jfisser illi dak li għamlet il-qorti tal-ewwel grad kien illi ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' *locus standi* proċedurali tal-attriċi, qalet illi l-azzjoni ma setgħetx tirnexxi għax il-kuntratt impunjat kien wieħed oneruż, u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-attriċi u waqfet hemm, bla ma qieset l-eċċezzjonijiet l-oħra, kemm ta' Gerdes stess u kemm ta'

*Equinox*, fosthom l-eċċezzjoni ta’ Gerdes illi l-attriċi ma hijiex kreditriċi tiegħu u illi, f’kull każ, hu għandu beni oħra li jistgħu jagħmlu tajjeb għall-kreditu. Gerdes għalhekk jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza ta’ din il-qorti illi, wara li qalet illi l-*partecipatio fraudis*, ma kinitx meħtieġa billi l-kuntratt impunjat kien gratuwitu, flok bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti biex din tqis l-eċċezzjonijiet l-oħra, għaddiet biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha “għar-rigward tal-elementi l-oħra” tal-azzjoni, *viz.* jekk l-attriċi hijiex kreditriċi ta’ Gerdes u jekk, f’dak il-każ, dan għandux beni oħra li jistgħu jagħmlu tajjeb għad-dejn. Dawn huma elementi li, fil-fehma tal-konvenut, l-ewwel qorti ma kinitx tat deċiżjoni dwarhom.

13. Gerdes imbagħad iressaq raġunijiet għala, fil-fehma tiegħu, l-eċċezzjonijiet, li kieku kellhom jiġu meqjusa fil-meritu, kellhom jintlaqgħu.

14. Jidher mill-ewwel illi l-argument illi din il-qorti iddeċidiet l-eċċezzjoni li l-attriċi ma hijiex kreditriċi tal-konvenut għalkemm l-ewwel qorti ma kinitx qieset dik l-eċċezzjoni huwa argument fieragħ u manifestament infondat. L-ewwel qorti qalet ċar illi “din il-qorti hija tal-fehma illi l-attriċi *proprio et nomine* tinkwadra ruħha bħala kreditriċi tal-konvenut Andreas Gerdes”. Tassew illi ma qalitx espressament illi kienet qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni, iżda li tgħid illi hija tal-fehma li l-attriċi hija kreditriċi xi jfisser jekk mhux li tiċħad l-eċċezzjoni li ma hijiex kreditriċi? Il-formaliżmu artifiċjali tant maħbub minn min jiggranfa ma’ sofiżmi biex jevadi l-ħaqq u s-sewwa fis-sustanza ma għandux is-simpatija ta’ din il-qorti.

15. Dwar l-eċċezzjoni l-oħra – li l-konvenut għandu beni oħra li jistghu jagħmlu tajjeb – huwa minnu illi l-ewwel qorti ma qisitx din l-eċċezzjoni. Madankollu, il-konvenut ma iċċita ebda liġi – kif kellu jagħmel għax hekk

irid l-art. 816 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – li tgħid illi l-Qorti tal-Appell ma tistax tiddeċiedi kwistjonijiet li ma tkunx qisithom l-ewwel qorti. Anzi, l-art. 233 tal-istess kodiċi jgħid espressament illi din il-qorti għandha s-setgħa jew li tibgħat l-atti lura lill-qorti tal-ewwel grad jew tiddeċiedi hi dwar meritu li ma jkunx ġie deċiż mill-ewwel qorti; aktar minn hekk, ir-regola hi illi din il-qorti tiddeċiedi hi stess dak il-meritu “sakemm il-qorti ma tqisx li *għal raġunijiet eċċezzjonali* jkun fl-interess tal-ġustizzja li tibgħat il-kawża lura fil-qorti tal-ewwel grad”.

16. Fil-każ tallum l-eċċezzjoni – li essenzjalment hija eċċezzjoni ta’ eskussjoni – kienet waħda li kellha tiġi skartata *ictu oculi*. Kif sewwa jingħad fis-sentenza appellata, l-art. 1144 tal-Kodiċi Ċivili jrid li dik l-eċċezzjoni titressaq fil-forma li jridu l-artt. 795 *et seqq*. tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-art. 795 igħid hekk:

> “**795.** Il-konvenut li jagħti l-eċċezzjoni tal-eskussjoni, għandu jippreżenta fis-smigħ tal-kawża, jew qabel, lista li jkun fiha miġjuba ħaġa b’ħaġa l-beni li jkollha f ’Malta l-parti li tagħha tintalab l-eskussjoni, u li jkunu biżżejjed għall-ħlas tal-kreditu talattur.”

17. Din il-qorti fis-sentenza attakkata osservat illi din il-lista tal-beni – li kellha tinġieb quddiem l-ewwel qorti, mhux quddiem il-Qorti tal-Appell – ma tinstabx fl-atti u għalhekk l-eċċezzjoni mhux biss ma setgħetx tintlaqa’ iżda lanqas kellha tiġi meqjusa. Għamlet sew għalhekk din il-qorti meta fis-sentenza attakkata ma qisithiex; li kieku, kif irid il-konvenut, din il-qorti bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti biex tqis din l-eċċezzjoni dan kien ikun mhux fl-interess tal-ġustizzja iżda biss ħela ta’ ħin.

18. Huma għalhekk għalkollox irrelevanti l-argumenti li ressaq f’dan l-istadju il-konvenut Gerdes biex juri li ma huwiex debitur jew li għandu

assi biżżejjed biex minnhom jitħallas id-dejn. Dawn huma kwistjonijiet ġà deċiżi finalment u ma jistgħux jerġgħu jinfetħu f'dan l-istadju.

19. Billi għalhekk ir-raġunijiet imressqa mill-konvenut għat-tħassir tas-sentenza attakkata huma ħżiena, it-talba tiegħu biex titħassar is-sentenza ma tistax tintlaqa'.

20. Fit-tweġiba tagħha *Equinox* ressqet l-argument illi t-talba għat-tħassir tas-sentenza minħabba applikazzjoni tal-liġi ħażina għandha tintlaqa' mhux biss minħabba applikazzjoni tal-liġi tal-proċedura ħażina – li rajna li ma huwiex il-każ – iżda wkoll għax din il-qorti fis-sentenza attakkata naqset milli tapplika l-artt. 3(1) u 9(1) u (2) tal-Att dwar *Trusts* u *Trustees* u l-art. 958A(2) tal-Kodiċi Ċivili.

21. L-art. 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi:

> "**816.** Fir-rikors [għal ritrattazzjoni] l-attur għandu jsemmi wieħed wieħed il-kapi tas-sentenza li jkun irid jattakka, u r-raġunijiet għar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma miġjuba fl-artikolu 811, u għandu jsemmi d-disposizzjonijet ta' dak l-artikolu li jgħoddu għal dawk ir-raġunijiet. … u meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata."

22. Id-disposizzjonijiet tal-liġi msemmija minn *Equinox* ma ssemmewx fir-rikors għar-ritrattazzjoni u għalhekk ma jistgħux jitqiesu għall-għanijiet tal-proċedura tallum. Li kieku din il-qorti kellha tiddeċiedi t-talba tal-konvenut Gerdes fil-kuntest ta' disposizzjonijiet imsemmija minn *Equinox* tkun qiegħda tiddeċiedi *extra petita*.

23. Is-sottomissjonijiet magħmula fit-tweġiba ta' *Equinox* huma għalhekk irrelevanti għall-għanijiet tal-proċedura tallum.

24. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba tal-konvenut Gerdes biex tisma' l-appell mill-ġdid wara li tħassar is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2012.

25. L-ispejjeż ta' *Equinox* tħallahom *Equinox* stess; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallashom il-konvenut Gerdes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------